MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**PACE RAYMOND C.**

Seduta ta' 01 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 390/1999/1

**Lydia Musu`**

**vs**

**Dr. Ian Spiteri Bailey u l-P.L. Davina Sullivan li b'digriet tad-29 ta' Ottubru 1999 gew nominati bhala Kuraturi Deputati tal-assenti Adebayo Kareem.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-istanti Lydia Musu` ghaddiet minn forma ta' zwieg civili mal-konvenut Adebayo Kareem fil-Gran Laguna Restaurant, il-Qawra, Malta, fit-tmintax ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (18/11/1995), u dan kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg numru elf tmien mija u tnax tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (1812/1995);

Illi dak iz-zwieg kien null u bla ebda effett *“ab initio”* ghat-tenur ta’ l-**artikolu 19 (1) ta’ l-Att tas-sena 1975**, kif emendat, dwar **iz-Zwieg (Kap. 255);**

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg apparenti bejn il-partijiet celebrat fit-18 ta’ Novembru 1995 kien null u bla ebda effett legali *“ab initio”* minhabba d-difetti, jew wahda minnhom, a tenur ta’ l-**artikolu 19 (1) ta’ l-Att tal-1975**, kif amendat, dwar **iz-Zwieg (Kapitolu 255)**, u taghti dawk il-provvedimenti kollha li jkunu opportuni f’dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 5 tal-process;

Rat il-verbal tas-16 ta’ Settembru 1999.

Rat ir-rikors tad-29 ta’ Settembru 1999 tal-attrici fejn talbet li jigu nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti zewgha Adebayo Kareem ta’ origini Nigerjana, illum cittadin Malti, li jinsab assenti minn dawn il-gzejjer.

Rat id-digriet sussegwenti tad-29 ta’ Ottubru 1999 fejn gew nominati Dr. Ian Spiteri Bailey u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat il-verbal tas-17 ta’ Jannar 2000;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati Dr. Ian Spiteri Bailey u l-P.L. Davina Sullivan tal-11 ta’ Frar 2000 a fol. 21 fejn gie eccepit:

(1) Illi huma ghadhom mhux edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrizervaw illi jirrispondu f’aktar dettal u precizzjoni fi stadju ulterjuri.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 22 tal-process.

Rat il-verbali tat-22 ta' Marzu 2000 u tal-15 ta' Gunju 2000.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 9 ta' Ottubru 2000 li biha esebiet l-affidavit taghha stess.

Rat il-verbal tal-14 ta' Novembru 2000 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Audrey Demicoli bhala Perit Legali.

Rat in-nota tal-attrici tas-16 ta' Jannar 2001 fejn ipprezentat affidavit ta' John Musu`.

Rat il-verbal tal-20 ta' April 2001.

Rat in-nota tal-attrici tat-23 ta' April 2001 li biha pprezentat dikjarazzjoni ta' William Osagiede.

Rat il-verbali tas-27 ta' Settembru 2001; tat-30 ta' Jannar 2002; tas-26 ta' Frar 2002; tat-23 ta' Mejju 2002; tal-11 ta' Gunju 2002 fejn dehret il-Perit Legali Dr. Audrey Demicoli li kkonfermat ir-rapport bil-gurament. Il-kawza giet differita ghal sentenza in difett t'ostakolu ghall-1 ta' Ottubru 2002.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali a fol. 68 sa 76.

Rat is-seduti mizmuma mill-istess Perit Legali a fol. 40 sa 61.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) L-AZZJONI ATTRICI

Illi din ic-citazzjoni tirrigwarda l-validita’ *o meno* ta’ zwieg celabrat bejn il-kontendenti fit-18 ta’ Novembru 1995 (Dok.”A”) fejn l-attrici premettiet li dan iz-zwieg kien null u bla effett *‘ab intio’* a tenur ta’ l-**artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** u talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celabrat bejn il-partijiet fit-18 ta’ Novembru 1995, kien null u bla effett legali *‘ab intio’* a tenur tal-**artikolu 19 (1)** u sabiex taghti l-provvedimenti kollha li jkunu opportuni f’dan ir-rigward.

**(B) PROVI PRODOTTI.**

Illi **l-attrici** xehdet estensivament bil-procedura tal-affidavit u fil-qosor *‘viva voce’* fis-seduta tal-5 ta’ April 2001. Fl-affidavit hija qalet li ltaqghet mal-konvenut li kien Nigerjan fl-14 ta’ Ottubru 1994, u wara hamest’ ijiem huwa kien diga’ ddikjara l-imhabba tieghu lejha. Ghall-ewwel hija kienet pjuttost xettika principalment minhabba d-differenza fl-eta’: l-attrici kellha 44 sena u l-konvenut kellu 22 sena. Wara xahar izda l-konvenut spjegalha li fil-fatt kellu 32 sena u li kien indika eta’ izghar fil-passapaort sabiex ikun jista’ jidhol fl-iskola Nautica. Qabel iz-zwieg huwa biddel il-passaport tieghu sabiex jindika l-eta’ vera tieghu. L-attrici spjegat li qabel iz-zwieg, il-konvenut kien jiccajta maghha billi jghidilha li kien ser jizzewweg biex jottjeni passaport Malti izda hija ma kienitx tiehdu bis-serjeta’ specjalment ghaliex huwa ta’ spiss kien isostni li qatt ma kien ser ibiddel in-nazzjonalita’ minhabba li kien patrijottiku hafna. Jumejn wara d-data tat-tieg izda l-konvenut talab lill-attrici takkompanjah sabiex japplika ghac-cittadinanza Maltija.

Illi skond l-istess attrici r-relazzjoni bejn il-partijiet qabel iz-zwieg ma kienitx wahda iddilijaka, il-partijiet kienu jiggieldu kontinwament u l-konvenut kien ibaghti mill-burdati izda Clement, il-habib tal-konvenut, kien jispjega lill-attrici li dawn il-burdati kienu dovuti ghall-fatt li huwa ma setghax jahdem u *una volta* li jizzewweg, dawn il-problemi kienu jispiccaw u l-konvenut kien ser jinbidel. F’dan il-perjodu l-konvenut kien diga’ qed jghix mal-attrici u hija kienet qed tmantnih finanzjarjament.

Illi hija kompliet tghid li waqt il-*'honeymoon'* fit-Tunisija l-konvenut kien informa lill-attrici li dak li qalilha Clement dwar il-karattru tieghu ma kienx minnu, fis-sens li huwa ma kienx ser jinbidel, kien spjegalha wkoll li xtaq jirritorna Malta qabel, huma kellhom idumu gimgha t-Tunisija, ghaliex kien jippreferi jkun ma' hbiebu. Malli rritornaw Malta huwa mar immedjatament jivverifika x'sar mill-applikazzjoni tieghu ghac-cittadinanza Maltija.

Illi l-attrici xehdet li mar-ritorn Malta, l-konvenut beda jinjora lill-attrici, jqatta' granet shah barra mid-dar minghajr ma jghidilha fejn kien ser ikun u wara erba' xhur mid-data taz-zwieg talabha l-flus sabiex imur in-Nigeria. Huwa rrifjuta li jhalliha takkompanjah u hallilha tlett numri tat-*telephone* fejn tista' tikkomunika mieghu li wara rrizultaw inezistenti. Meta rritorna minn Nigeria, l-konvenut informa lill-attrici li ried igib it-tfajla tieghu minn Nigeria u li xtaq jitlaq l-impjieg li kien sab fil-frattemp sabiex ikun jista' jmur l-Universita' ma' din it-tfajla Nigerjana kif ukoll imur jghix ma' din it-tfajla. L-attrici tghid ukoll li meta rritorna lura Malta, l-konvenut informa lill-attrici li huwa kien Musulman u li hutu kienu mizzewgin lil aktar minn mara wahda.

Illi l-attrici qalet ukoll li l-konvenut gie rikoverat l-Isptar bil-malarja u meta hareg mill-Isptar kien ammetta fil-presenza ta' siehbu Clemet li huwa kien izzewwigha biss bl-iskop li jottjeni l-passaport Malti u *una volta* li kien ottjenih, kien ser igib it-tfajla tieghu Malta. Fl-1 ta' Marzu 1997, il-konvenut abbanduna d-dar matrimonjali u l-hbieb tieghu qalu lill-attrici li huwa kien spjegalhom li finalment kien kuntent ghaliex ottjena dak li xtaq u cioe' c-cittadinanza Maltija. L-attrici tikkonkludi billi tghid li l-konvenut telaq minn Malta f'Marzu 1997 u li minn dik id-data qatt ma semghet xejn aktar dwaru.

Illi **John Musu'**, hu l-attrici, kkonferma dak li qalet l-attrici. Huwa stqarr li mill-ewwel induna li l-konvenut ried jizzewweg lill-ohtu semplicement biex jottjeni c-cittadinanza Maltija. Dan ix-xhud jghid ukoll li huwa kien wissa lil ohtu dwar dan u kien sahansitra tkellem mal-konvenut f'dan is-sens, izda l-attrici ghamlet ta' rasha u

zzewget lill-konvenut. Dan ix-xhud jikkonkludi l-affidavit tieghu billi jghid *"Ir-rizultat ta' din ir-relazzjoni hu li ohti giet fi kliemi. Adebayo dabbar rasu w emigra wara li ohti taghtu jew bis-sahha taghha gab il-passaport ghall-Ewropa. Dan ir-rizultat kien previst u ovvju".*

Illi **Stephen Falzon**, *Principal Officer* fid-Dipartiment tac-Cittadinanza u tal-Expatriates, xehed li l-konvenut applika ghac-cittadinanza Maltija fil-21 ta' Mejju 1996, u dan a bazi taz-zwieg tieghu ma' Lydia Musu', iccelebrat fit-18 ta' Novembru, 1995. Din l-applikazzjoni giet approvata u l-konvenut gie registrat bhala cittadin ta' Malta fit-28 ta' Awissu, 1996 (Certifikat numru 6073). Dan ix-xhud spjega li meta l-konvenut issottometta l-applikazzjoni msemmija, huwa kien diga' jipposjedi karta tal-identita' bhala *'Alien'* bin-numru 146195 (A). Wara li sar cittadin Malti, ic-certifikat tat-twelid tieghu gie registrat ir-Registru Pubbliku u huwa nghata karta tal-identita' Maltija.

Illi l-attrici esibiet ukoll dikjarazzjoni solemni ta' certu **William Osagiede.** Dan ix-xhud qal li l-konvenut kien cempillu ghan-numru tat-*telephone* ta' Clement Lyoha barra minn Malta ghaliex xtaq jirringrazjah tal-parir li kien tah fis-sens li jibqa' jissaporti fiz-zwieg tieghu mal-attrici sakemm jottjeni dak li ried.

## (C) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi fic-citazzjoni, l-attrici ma ndikatx taht liema sub-inciz tal-**artikolu 19 (1) tal-Kap. 255**, hija kienet qed titlob li z-zwieg mal-konvenut jigi dikjarat null u bla effett, izda l-kwistjoni principali f'dan il-kaz hi jekk il-konvenut izzewwigx lill-attrici semplicement ghall-konvenjenza u cioe' sabiex ikun jista' jakkwista passaport Malti u cittadinanza Maltija jew inkella zzewwigx biex jifforma nukleju familjari bl-elementi kollha essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi din il-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet tal-perit legali Dr. Audrey Demicoli fejn hija sostniet li:-

*"mill-assjem tal-provi rrizulta inekwivokabilment li l-konvenut izzewweg lill-attrici esklussivament sabiex jottjeni passaport Malti u cittadinanza Maltija. Ic-cirkostanzi kollha kemm antecedenti ghaz-zwieg kif ukoll konkomitanti u sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens matrimonjali, bhal per ezempju d-differenza fl-eta' bejn il-partijiet u l-verzjonijiet differenti dwar l-eta' tieghu, ir-relazzjonijiet hziena kemm qabel iz-zwieg kif ukoll wara, il-gideb dwar il-fatt li huwa ma xtaqx jirrinunzja ghall-passaport Nigerjan ghaliex kien patrijottiku, il-fatt li fil-'honeymoon' il-konvenut svela certu affarijiet dwar l-identita' tieghu u nsista li jirritornaw Malta hesrem ghaliex kien jippreferi jqatta' aktar zmien mal-hbieb ecc … huma kollha sinjali evidenti li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens ghaz-zwieg, il-konvenut kellu biss l-intenzjoni li jsir cittadin Malti permezz taz-zwieg li kien qed jigi celebrat u xejn aktar. Fil-mument tal-ghoti tal-kunsens huwa kien qed jeskludi l-elementi essenzjali taz-zwieg bhal per ezempju l-fedelta' u dan jirrizulta mill-fatt li huwa kellu tfajla f'pajjizu meta zzewweg u ried jottjeni c-cittadinanza Maltija proprju sabiex ikun jista' jgib lil din it-tfajla Malta u jmur jghix maghha".*

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li l-Qorti hija sodisfatta li l-attrici ppruvat fil-grad li trid il-ligi u fuq bilanc ta' probabiltajiet li r-raguni dominanti li ghaliha l-konvenut resaq ghaz-zwieg kienet sabiex isir cittadin Malti u xejn aktar u mhux biex jintrabat fiz-zwieg bid-drittijiet u obbligi konnessi. F'dan ir-rigward, issir riferenza ghal dak li qalet din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenzi fl-ismijiet **"Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida"** (P.A. (NA) 10 ta' Ottubru 1995) u **"Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk"** (P.A. (NA) 16 ta' Jannar 1998) u cioe' li:-

*"meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita ta' l-*

*intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament".*

Illi fi kliem il-gurista **Castano**:-

*"… l'atto posittivo della volonta' non s'identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta' puo' essere posittivo ed essere manifestato implicitamente. Infatti con il Prof. Gangoiti crediamo che l'atto posittivo richiesto dal canone puo' essere amesso anche con intenzione implicita, vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediente l'insieme di circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi. E' per questo che la volonta' puo' essere ritenuta una facolta' poliglotta e quindi parla atraverso molteplici linguaggi, senza che sia necessario che lo faccia espressamente".*

*"Huwa ghalhekk li jinkombi fuq il-Qorti li thares lejn ic-cirkostanzi <u>kollha</u> kemm dawk antecedenti, kif ukoll dawk konkomitanti u sussegwenti, ghall-ghoti tal-kunsens matrimonjali, u tinterpretahom b'doza qawwija ta' buon sens, biex tista' tasal, imqar sal-grad ta' probabilita', li kien hemm l-eskluzjoni pozittiva imsemmija".*

Illi fis-sentenza tal-10 ta' Marzu 2000, fil-kawza fl-ismijiet **"Pauline Ahmed nee' Bugeja vs Shafik Farid Shafik Ahmed"** (P.A. (VDG) Citaz. Numru 171/95 VDG), din il-Qorti kif diversament presjeduta ccitat lill-gurista **Francesco Bersini** li jispjega:-
*"Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta' lo stesso matrimonio, che per lui e' una pura formalita' vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonia un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta', almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cioe' diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita', scopi di libidine, ecc*

*… L’esclusione del matrimonio si puo’ verificare sopratutto in persone che si sposano sotto la pressione del timore grave, o che strumentalizzano, con estrema leggerezza e malizia, il-matrimonio simulato per raggiungere altri fini intesi con volonta’ prevalente, come potrebbero essere i miraggi di un vantaggio economico ….”* (**Il Diritto Canonico Matrimoniale**, Elle Di Ci (Torino), 1994, pp. 113-114).

Illi ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet tal-brava Perit Legali Dr. Audrey Demicoli fejn tiddikjara li *“hi sodisfatta li l-attrici pruvat, sal-grad li trid il-ligi f’kawza civili li r-raguni predominanti b’mod li twarrab skopijiet ohra, il-ghala l-konvenut resaq ghaz-zwieg kienet sabiex ikun jista’ jottjeni cittadinanza Maltija u passaport Malti u mhux biex jintrabat fiz-zwieg bid-drittijiet u l-obbligi reciproci tal-partijiet li jitnisslu minn tali zwieg”*.

Illi l-Qorti pero’ tirreferi wkoll ghall-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:-

*“(d) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg”.*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga’ kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **“Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg”** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **“Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe”** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-esposizzjoni ta’ **Viladrich**:

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and*

*volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* ***(Viladrich, P.J., "Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated."*** *(Montreal, 1993), p. 686).*

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma: "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J.,** op.cit., pg. 687).*

Illi wkoll fis-sentenza "**Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrizzjoni ta' gudizzju –* ***Art. 19 (1) (d)*** *– biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku*

*psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali* ***("Isabelle Zarb vs Stephen Attard"*** *– P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu* ***(d)*** *ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku **("Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju,1995 ).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *"discretio judicii*" hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista **Colagiovanni** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita" (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).*

Illi pero`, kif gia inghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju id-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non*

*richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena"* ***(Pompedda, M.F., "Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski" – Pompedda – Zagglia, "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"*** *(Padova, 1984), p. 46).*

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza "**Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (*ara, **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995).

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju* ***("Selina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt"****, P.A., 15 ta' April 1996)".*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux

necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, "**Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar",** P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni irid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega **Bersini**, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f' zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)" **(Bersini, F., "Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).*

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per*

*la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio"* (ibid. pp. 97-98).

Illi hawnhekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja gie indikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li inghad li:-

*"… … ... se il sogetto non e` in grado di superare condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di*

*scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola* a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole" (***Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233*).*

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibbilta` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibbilta` vera f' dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifika fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere". "L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale", jghid il-Bersini, "rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso"* (op. cit., *p. 99).*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up*

*children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics"* (**Viladrich, P.J**., op. cit., p. 687).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000 u "**Anna Galea vs John Walsh",** (P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *"the community of life and love".*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** (P.A. (NA) 25 ta' Marzu 2002) fejn inghad li:-

*"Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cioe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu."*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) inoltre l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib

maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:-

*"**Art.19 (1) (f)** "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi inoltre fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi*

*parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit Nru 793/01/RCP).

Illi dwar dawn l-elementi jirrizulta mill-provi prodotti li fl-ewwel lok l-partijiet f'dak l-istadju tal-hajja taghhom qatt ma kellhom id-diskrezzjoni necessarja sabiex jifhmu il-kuncett ta' hajja mizzewga w id-dmirijiet naxxenti minnha stante li l-attrici jidher li kienet mitlufa bil-gibda taghha lejn il-konvenut, ghal xi raguni ma tidhirx spjegata almenu mill-provi prodotti, stante li deher fir-relazjoni tieghu maghha, li dan il-konvenut ma kellu kaz ta' xejn u kien huwa li diversi drabi gideb lill-konvenuta addirittura fuq l-identita', nazzjonalita`, fondi u diversi affarijiet ohra, li certament kellhom jifthu ghajnejn l-attrici, li l-istess konvenut qatt ma kien interessat fiha *per se,* izda ried xi haga ohra minghandha, li jirrizulta llum bla ebda dubju li din kienet biss li tramite l-istess zwieg jottjeni c-cittadinanza Maltija, bl-iskop li anke jgib lill-habiba tieghu Malta.

Illi dan jammonta ghad-difett serju ta' kunsens anke da parte tal-attrici kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga, stante li certament l-attrici qatt ma setghat tara futur ta' zwieg mal-istess konvenut, iktar u iktar meta l-istess konvenut kien ghal kollox irresponsabbli, u l-attrici kienet taf kollox dwar dan, u ghalhekk jidher palez li l-attrici dahlet fiz-zwieg biss billi segwiet ir-rit civili, izda mankanti minn kull element ta' volonta', wisq inqas b'sens ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut kellu f'mohhu haga wahda biss u cjoe' li juza' lill-attrici sabiex jakkwista stat ta' mizzewweg lill-Maltija u b'hekk ikun jista' jkollu d-dritt ta' moviment hawn Malta u jibqa' jghix Malta bla ma kien jimportah xejn dwar l-istess attrici li jidher li kienet tipprovdi kollox ghalih meta dan kien qieghed Malta. Kull diskrizzjoni ta' gudizzju fuq kull element taz-zwieg, anke l-iktar wiehed minimu ta' konvivenza almenu apparenti kien ghalhekk ghal kollox nieqes mill-istess konvenut.
Illi certament li mill-provi kollha prodotti mill-attrici, jidher li l-konvenut kellu l-kunsens tieghu vizjat b'difett serju ta' diskrizzjoni fuq il-hajja mizzewga u d-drittijiet u dmirijiet naxxenti mill-istess, u l-kunsens tieghu kien ukoll difettuz stante li eskluda pozittivament elementi essenzjali mill-istess zwieg sa mill-bidu tieghu, ghaliex qatt ma kellu l-intenzjoni li jghix ma' martu izda biss li juzaha sabiex ikun jista' jghix hawn Malta, u fil-fatt jista' jinghad li tul il-hajja mizzewga l-istess kontendenti qatt ma ghexu flimkien normalment bhala ragel u mara, u litteralment il-konvenut kien jaghmel li jrid u sahansitra isiefer lejn pajjizu biex jiltaqa' mal-habiba tieghu*. Di piu`* l-konvenut u shabu ammettew ukoll li l-konvenut izzewweg lill-attrici biss sabiex jakkwista d-dritt ta' cittadinanza u li b'hekk huwa jkun jista' jghix Malta, apparti li jkun jista' wkoll igib il-habiba tieghu Nigerjana hawn Malta.

Illi huwa sintomatiku li wiehed jirreferi ghas-sentenzi **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000) u **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000) u **"Marica Bouchhioua vs Farhat Ben Mohammed Bouchhioua"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista ic-cittadinanza Maltija jew/u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda pozittivament iz-zwieg innifsu.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-18 ta' Novembru 1995, huwa null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255.**

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess jistghu jopponu t-talbiet attrici, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan li:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg apparenti bejn il-partijiet celebrat fit-18 ta’ Novembru 1995 kien null u bla ebda effett legali *“ab initio”* minhabba d-difetti, a tenur ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) ta’ l-Att tal-1975,** kif emendat, dwar **iz-Zwieg (Kapitolu 255)**.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, b’dan li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**1 ta’ Ottubru 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**1 ta’ Ottubru 2002**